2023/2688

28.11.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2688

tal-24 ta' Novembru 2023

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li biex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom għad-dħul fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi, it-territorji, iż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) B'mod iktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, jew it-territorji jew iż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) Il-Kanada nnotifikat lill-Kummissjoni dwar seba' tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fil-provinċji ta' British Columbia (5), Alberta (1) u Saskatchewan (1), li ġew ikkonfermati bejn l-4 ta' Novembru 2023 u s-7 ta' Novembru 2023 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar 20 tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' California (1), Iowa (2), Minnesota (3), Missouri (1), North Dakota (2), Oregon (2), u South Dakota (9), li ġew ikkonfermati bejn l-14 ta' Novembru 2023 u t-22 ta' Novembru 2023 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

(7) Wara dawn it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada u tal-Istati Uniti stabbilew żoni ristretti ta' mill-anqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika tal-qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(8) Il-Kanada u l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom u l-miżuri meħuda biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI.

(9) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jidhrilha li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada u tal-Istati Uniti, id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni jenħtieġ li jiġi sospiż, biex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.

(10) Barra minn hekk, il-Kanada u r-Renju Unit ipprovdew informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom fir-rigward tal-HPAI li wasslu għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(11) Il-Kanada ssottomettiet informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta ma' tliet tifqigħat tal-HPAI fi stabbilimenti tal-pollam fil-provinċji ta' Alberta (2) u Saskatchewan (1), li ġew ikkonfermati bejn l-20 ta' Settembru 2023 u t-3 ta' Ottubru 2023.

(12) Ir-Renju Unit ssottometta informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta ma' tifqigħa tal-HPAI fi stabbiliment tal-pollam fl-Iskozja, fl-Isle of Lewis, li ġiet ikkonfermata fis-27 ta' Settembru 2023.

(13) Il-Kanada u r-Renju Unit issottomettew ukoll informazzjoni dwar il-miżuri meħuda biex jevitaw iktar tixrid tal-HPAI. B'mod partikolari, wara it-tifqigħat ta' dik il-marda, implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda, u lestew ukoll ir-rekwiżit tat-tindif u tad-diżinfezzjoni wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettati fit-territorji tagħhom.

(14) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mill-Kanada u mir-Renju Unit, u tqis li pprovda garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li wasslet għas-sospensjonijiet, ma għadhiex tirrappreżenta theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni, u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni tal-prodotti tal-pollam miż-żoni tal-Kanada u tar-Renju Unit ikkonċernati li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni.

(15) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex ikunu jqisu s-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti.

(16) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2580 ([4]) ikkoreġa l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tan-numerazzjoni tal-kodiċijiet għal żewġ żoni għar-Renju Unit. Instab żball fir-rigward tad-*data* tal-għeluq għal waħda minn dawk iż-żoni. Għalhekk jixraq li l-Annessi V u XIV jiġu kkoreġuti skont dan.

(17) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fil-Kanada u fl-Istati Uniti fir-rigward tal-HPAI, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mar-Renju Unit, l-emendi li għandhom isiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi bħala kwistjoni ta' urġenza.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2580 tat-13 ta' Novembru 2023 li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa (ĠU L, 2023/2580, 15.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2580/oj)

(18) Il-korrezzjoni tal-entrati għar-Renju Unit fir-ringieli għaż-żona GB–2,323 fit-Taqsima B tal-Parti 1 u fil-Parti 2 tal-Anness V u fil-Parti 2 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2580.

(19) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Parti I tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma kkoreġuti f'konformità mal-Parti II tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Madankollu, il-Parti II tal-Anness għandha tapplika mis-16 ta' Novembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

PARTI I

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA–2.192, CA–2.193 u CA–2.194 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA–2.192	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		20.9.2023	17.11.2023
	CA–2.193		N, P1		27.9.2023	17.11.2023
	CA–2.194		N, P1		3.10.2023	17.11.2023";

(ii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA–2.206 sa CA–2.212 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA–2.205:

"**CA** Il-Kanada	CA–2.206	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		4.11.2023	
	CA–2.207		N, P1		4.11.2023	
	CA–2.208		N, P1		4.11.2023	
	CA–2.209		N, P1		6.11.2023	
	CA–2.210		N, P1		7.11.2023	
	CA–2.211		N, P1		7.11.2023	
	CA–2.212		N, P1		7.11.2023";	

(iii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB–2.322 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB–2.322	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		27.9.2023	30.10.2023";

(iv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US–2.506 sa US–2.525 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US–2.505:

"**US** L-Istati Uniti	US–2.506	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		14.11.2023	
	US–2.507		N, P1		14.11.2023	
	US–2.508		N, P1		14.11.2023	
	US–2.509		N, P1		14.11.2023	
	US–2.510		N, P1		14.11.2023	
	US–2.511		N, P1		15.11.2023	
	US–2.512		N, P1		15.11.2023	
	US–2.513		N, P1		14.11.2023	
	US–2.514		N, P1		16.11.2023	

	US–2.515		N, P1		16.11.2023	
	US–2.516		N, P1		20.11.2023	
	US–2.517		N, P1		17.11.2023	
	US–2.518		N, P1		20.11.2023	
	US–2.519		N, P1		20.11.2023	
	US–2.520		N, P1		21.11.2023	
	US–2.521		N, P1		21.11.2023	
	US–2.522		N, P1		21.11.2023	
	US–2.523		N, P1		22.11.2023	
	US–2.524		N, P1		20.11.2023	
	US–2.525		N, P1		15.11.2023”;	

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni CA–2.206 sa CA–2.212 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA–2.205:

“Il-Kanada	CA–2.206	British Columbia - Latitudni 49.04, Lonġitudni –122.23 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Abbotsford 10 km SZ: Abbotsford, Kilgard, Barrowtown, u Arnold
	CA–2.207	British Columbia - Latitudni 49.07, Lonġitudni –122.62 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Langley u Langley Township 10 km SZ: Aldergrove, Langley, Langley Township, u Surrey
	CA–2.208	Saskatchewan - Latitudni 52.53, Lonġitudni –106.57 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Hague u Hepburn 10 km SZ: Corman Park, Greenfeld, Gruenthal, Hague, Hepburn, Laird, Osler, u Rosthern
	CA–2.209	Alberta - Latitudni 49.79, Lonġitudni –113.32 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Fort Macleod u Pearce 10 km SZ: Fort Macleod, Granum, u Pearce
	CA–2.210	British Columbia - Latitudni 49.31, Lonġitudni –121.77 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Agassiz 10 km SZ: Agassiz, Harrison Hot Springs, Hope, u Kent
	CA–2.211	British Columbia - Latitudni 49.10, Lonġitudni –122.13 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Abbotsford u Chiliwack 10 km SZ: Abbotsford, Chilliwack, Cultus Lake, Deroche, u Lindell Beach
	CA–2.212	British Columbia - Latitudni 49.10, Lonġitudni –122.13 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3 km PZ: Deroche, Dewdney, u Mission 10 km SZ: Abbotsford, Chilliwack, Deroche, Dewdney, Durieu, u Mission”;

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjoni li ġejja taż-żoni US–2.506 sa US–2.525 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US–2.505:

"L-Istati Uniti	US–2.506	L-Istat ta' Minnesota Kandiyohi 11 Il-Kontea ta' Kandiyohi: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 94.9909461°W 45.1277665°N)
	US–2.507	L-Istat ta' Minnesota Redwood 05 Il-Kontea ta' Redwood: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 95.4904365°W 44.6206586°N)
	US–2.508	L-Istat ta' Missouri Jasper 03 Il-Kontea ta' Jasper: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 94.5951531°W 37.4320917°N)
	US–2.509	L-Istat ta' Iowa Kossuth 03 Il-Kontea ta' Kossuth: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 94.2239944°W 43.3722927°N)
	US–2.510	L-Istat ta' Iowa Taylor 02 Il-Kontea ta' Taylor: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 94.4897578°W 40.8971963°N)
	US–2.511	L-Istat ta' North Dakota LaMoure 04 Il-Kontea ta' LaMoure: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 98.4045941°W 46.4309401°N)
	US–2.512	L-Istat ta' South Dakota Edmunds 06 Il-Kontea ta' Edmunds: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 99.0021019°W 45.5211771°N)
	US–2.513	L-Istat ta' Minnesota Stearns 15 Il-Kontea ta' Stearns: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 94.8070843°W 45.7442945°N)
	US–2.514	L-Istat ta' Oregon Linn 04 Il-Kontea ta' Linn: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 122.9913798°W 44.4537258°N)
	US–2.515	L-Istat ta' Oregon Marion 02 Il-Kontea ta' Marion: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 122.8594746°W 45.3180106°N)
	US–2.516	L-Istat ta' California Fresno 08 Il-Kontea ta' Fresno: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 120.3582891°W 36.7404721°N)

	US–2.517	L-Istat ta' South Dakota Edmunds 07 Il-Kontea ta' Edmunds: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 99.0273841°W 45.6254446°N)
	US–2.518	L-Istat ta' South Dakota Edmunds 08 Il-Kontea ta' Edmunds: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 99.1308661°W 45.4350642°N)
	US–2.519	L-Istat ta' South Dakota Edmunds 09 Il-Kontea ta' Edmunds: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 99.0011969°W 45.4651880°N)
	US–2.520	L-Istat ta' South Dakota Kingsbury 05 Il-Kontea ta' Kingsbury: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 97.1788601°W 44.3252271°N)
	US–2.521	L-Istat ta' South Dakota Beadle 12 Il-Kontea ta' Beadle: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 97.9009159°W 44.4150837°N)
	US–2.522	L-Istat ta' South Dakota Clark 10 Il-Kontea ta' Clark: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 97.6720830°W 45.0348083°N)
	US–2.523	L-Istat ta' South Dakota Clark 11 Il-Kontea ta' Clark: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 97.5989286°W 44.9530109°N)
	US–2.524	L-Istat ta' South Dakota Day 02 Il-Kontea ta' Day: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 97.6241703°W 45.4300029°N)
	US–2.525	L-Istat ta' North Dakota McIntosh 02 Il-Kontea ta' McIntosh: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10 km li jibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati tal-GPS: 99.8854345°W 46.0713755°N)";

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA–2.192, CA–2.193 u CA–2.194 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA–2.192	POU, RAT	N, P1		20.9.2023	17.11.2023
		GBM	P1		20.9.2023	17.11.2023
	CA–2.193	POU, RAT	N, P1		27.9.2023	17.11.2023
		GBM	P1		27.9.2023	17.11.2023
	CA–2.194	POU, RAT	N, P1		3.10.2023	17.11.2023
		GBM	P1		3.10.2023	17.11.2023";

(b) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni CA–2.206 sa CA–2.212 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona CA–2.205:

"**CA** Il-Kanada	CA–2.206	POU, RAT	N, P1		4.11.2023	
		GBM	P1		4.11.2023	
	CA–2.207	POU, RAT	N, P1		4.11.2023	
		GBM	P1		4.11.2023	
	CA–2.208	POU, RAT	N, P1		4.11.2023	
		GBM	P1		4.11.2023	
	CA–2.209	POU, RAT	N, P1		6.11.2023	
		GBM	P1		6.11.2023	
	CA–2.210	POU, RAT	N, P1		7.11.2023	
		GBM	P1		7.11.2023	
	CA–2.211	POU, RAT	N, P1		7.11.2023	
		GBM	P1		7.11.2023	
	CA–2.212	POU, RAT	N, P1		7.11.2023	
		GBM	P1		7. 11.2023";	

(c) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żona GB–2.322 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB–2.322	POU, RAT	N, P1		27.9.2023	30.10.2023
		GBM	P1		27.9.2023	30.10.2023";

(d) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US–2.506 sa US–2.525 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US–2.505:

"**US** L-Istati Uniti	US–2.506	POU, RAT	N, P1		14.11.2023	
		GBM	P1		14.11.2023	
	US–2.507	POU, RAT	N, P1		14.11.2023	
		GBM	P1		14.11.2023	
	US–2.508	POU, RAT	N, P1		14.11.2023	
		GBM	P1		14.11.2023	
	US–2.509	POU, RAT	N, P1		14.11.2023	
		GBM	P1		14.11.2023	
	US–2.510	POU, RAT	N, P1		14.11.2023	
		GBM	P1		14.11.2023	
	US–2.511	POU, RAT	N, P1		15.11.2023	
		GBM	P1		15.11.2023	
	US–2.512	POU, RAT	N, P1		15.11.2023	
		GBM	P1		15.11.2023	

	US–2.513	POU, RAT	N, P1		14.11.2023	
		GBM	P1		14.11.2023	
	US–2.514	POU, RAT	N, P1		16.11.2023	
		GBM	P1		16.11.2023	
	US–2.515	POU, RAT	N, P1		16.11.2023	
		GBM	P1		16.11.2023	
	US–2.516	POU, RAT	N, P1		20.11.2023	
		GBM	P1		20.11.2023	
	US–2.517	POU, RAT	N, P1		17.11.2023	
		GBM	P1		17.11.2023	
	US–2.518	POU, RAT	N, P1		20.11.2023	
		GBM	P1		20.11.2023	
	US–2.519	POU, RAT	N, P1		20.11.2023	
		GBM	P1		20.11.2023	
	US–2.520	POU, RAT	N, P1		21.11.2023	
		GBM	P1		21.11.2023	
	US–2.521	POU, RAT	N, P1		21.11.2023	
		GBM	P1		21.11.2023	
	US–2.522	POU, RAT	N, P1		21.11.2023	
		GBM	P1		21.11.2023	
	US–2.523	POU, RAT	N, P1		22.11.2023	
		GBM	P1		22.11.2023	
	US–2.524	POU, RAT	N, P1		20.11.2023	
		GBM	P1		20.11.2023	
	US–2.525	POU, RAT	N, P1		15.11.2023	
		GBM	P1		15.11.2023”.	

PARTI II

Korrezzjoni tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404

(1) Fl-Anness V, il-Parti 1, it-Taqsima B, fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB–2.323 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**GB** Ir-Renju Unit	GB–2.323	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		23.10.2023”;	

(2) Fl-Anness V, il-Parti 2, fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żona GB–2.323 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB–2.323	POU, RAT	N, P1		23.10.2023	
		GBM	P1		23.10.2023".	